# IR-RE DWARDU VII U L-BANDA KING'S OWN

Fl-1876, sentejn wara li l-Banda ġiet imwaqqfa taħt l-isem "LA STELLA", Prince Albert, il-Prinċep ta' Wales, iben ir-Regina Vittoria ġie jagħmel żjara uffiċjali f' Malta fi triqtu lura lejn l-Ingilterra mill-Indja. Il-Prinċep kien diġa żar Malta fl-1862 u fl-1867. Albert kien popolari ħafna hawn Malta. Fuq talba tal-Kumitat f'isem il-membri tas-Soċjeta, il-Prinċep aċċetta li jkun il-Patrun tal-Banda u li din tieħu l-isem "His Royal Highness The Prince of Wales Band". Din l-aħbar ġiet mogħtija lis-Surmast Direttur tal-Banda Mro. Filippo Galea mill-Gvernatur ta' Malta, J.L.M. Simmons fid-29 ta' Lulju 1885.

Meta fit-23 ta' Jannar 1901 mietet ir-Reġina Vittoria, il-Prinċep ta' Wales inħatar Re. Hu ħa l-isem ta' Dwardu VII. Il-Majesta Tiegħu r-Re bil-pjaċir kollu laqa' x-xewqa tal-Kumitat li jibqa' l-Patrun tal-Banda u s-Socjeta' u b'hekk l-isem sar "The King's Own Band". Il-Gvernatur ta' Malta Sir F. Grenfell ġie nfurmat b'dan mis-Segretarju tal-Kolonji, Joseph Chamberlain fl-4 ta' Marzu 1901.

Din l-aħbar ġiet trasmessa lill-President tas-Soċjeta' Chev. Antonio Lanzon mis-Segretarju ewlieni tal-Gvern permezz ta' l-ittra li ġġib id-data 11 ta' Marzu 1901. Għaldaqstant f'Marzu ta' l-1991 ser jaħbat id-disgħin anniversarju ta' dan l-avveniment importanti fil-ħajja glorjuża tas-Soċjeta' u l-Banda King's Own.

F'April tas-sena 1903 ir-Re Dwardu VII żar Malta mill-ġdid. Din kienet żjara storika u li ntlaqgħet b'entużjażmu mill-poplu Malti kollu minħabba l-fatt li din kienet l-ewwel żjara f'Malta ta' Renjant Ingliż. Mal-wasla tiegħu il-Ħamis, 16 ta' April sar riċeviment kbir fil-Palazz il-Belt u l-Banda King's Own ġiet mistiedna ddoqq fil-pjazza tal-Palazz.



Kien propju matul din iż-żjara li l-Majesta' tiegħu r-Re personalment ippreżenta lill-President tas-Soċjeta r-'Royal Standard' fil-Palazz il-Belt. Dan l-istandard kien ġie offrut mill-Komunita' Ingliża f'Malta. Iżda fis-17 ta' Novembru 1967, il-Majesta Tagħha r-Reġina Elizabetta II, ippreżentat Standard Rjali ieħor, peress li l-oriġinali kien ġie distrutt fil-gwerra ta' 1939 - 45. Ir-Re Dwardu li reġa' żar Malta fl-1907 u fl-1909, miet fis-6 ta' Mejju 1910. Il-Banda King's Own sellmet lill-Patrun tagħha billi pparteċipat fil-funeral tiegħu li nżamm fi Pjazza Reġina l-Belt.

Il-Kuntatt mal-Familja Rjali u mar-rappreżentanti tagħha f' Malta baqa' jinżamm matul is-snin. Id-Duka ta' Norfolk inħatar Patrun tal-Banda f'Mejju 1913 u ppreżenta standard lis-Soċjeta' waqt żjara tiegħu f' Malta. Is-soċjeta ġiet onorata mill-Prinċep Philip li żar il-Każin fl-1952 u fisser li b'din iż-żjara jifhem li qed iżur il-Każini tal-baned kollha ta' Malta. Fost il-ħafna personalitajiet oħra li żaru l-Każin insibu lil Lord Louis Mountbatten, Field Marshall Viscount Gort u numru ta' Gvernaturi.

Fir-riċeviment li ta l-Kumitat tas-Soċjeta' fl-okkażjoni tal-festa ta' San Duminku ta' l-1989 kellna l-unur nilqgħu fostna lil British High Commissioner, H.E. Mr. Brian Hitch u s-Sinjura tiegħu.

**JOSEPH PORTELLI**
**Segretarju.**